



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 8.2.2012
COM(2012) 35 final

2012/0022 (APP)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-Istatut għal Fondazzjoni Ewropea (FE)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2012) 1 final}

{SWD(2012) 2 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Kuntest ġenerali

Il-fondazzjonijiet għandhom rwol importanti fl-UE, b'mod partikolari fis-soċjetà ċivili. Permezz tal-attivitajiet varji tagħhom f'hafta diversi oqsma, jikkontribwixxu għall-valuri u l-għanijiet fundamentali tal-Unjoni, bħar-rispett għad-drittijiet umani, il-protezzjoni tal-minoranzi, l-impjiegi u l-progress soċjali, il-ħarsien u t-titjib tal-ambjent jew il-promozzjoni tal-avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi. F'dan il-kuntest, dawn jagħtu kontribuzzjoni sostanzjali biex jinkisbu l-għanijiet ambizzjużi ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv stabbiliti mill-istrateġija Ewropa 2020¹. Dawn iżidu u jiffaċilitaw involviment aktar attiv miċ-ċittadini u s-soċjetà ċivili fil-proġett Ewropew. Minkejja dan, it-twertiq tal-attivitajiet tagħhom huwa mxekkel minn diversi ostakli madwar l-UE.

Il-Komunikazzjoni tal-Att dwar is-Suq Uniku² adottata f'April 2011 enfażizza l-ħtieġa li tintemm il-frammentazzjoni tas-suq u li jiġu eliminati x-xkiel u l-ostakli għall-moviment tas-servizzi, l-innovazzjoni u l-kreattività sabiex irendu tkabbir u impjiegi u tiġi promossa l-kompetittività. Enfasizzat l-importanza tat-tishiġ tal-fiduċja taċ-ċittadini fis-suq uniku u li jiġi żgurati li l-benefiċċji tiegħu jgħaddu għand iċ-ċittadini. Fil-kuntest tal-kontribuzzjoni tal-fondazzjonijiet għall-ekonomija soċjali u għall-finanzjament ta' inizjattivi innovattivi ta' benefiċċju pubbliku, l-Att dwar is-Suq Uniku sejjaħ għal azzjoni sabiex jitneħħew l-ostakoli li l-fondazzjonijiet jaffaċċjaw meta joperaw fuq bażi transfrontiera. L-istess sejħa saret fir-rapport tal-2010 dwar iċ-Ċittadinanza tal-UE "Inżarmaw l-ostakoli għad-drittijiet taċ-ċittadini tal-UE"³, li enfażizza l-importanza tat-titjib tad-dimensjoni Ewropea tal-attivitajiet tal-fondazzjonijiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku bil-għan li tiġi promossa l-azzjoni taċ-ċittadini fil-livell tal-UE.

Il-Kummissjoni enfazizzat ukoll l-importanza li jiġu żviluppati forom legali Ewropej għal entitajiet fis-settur ekonomiku soċjali (eż. fondazzjonijiet, kooperattivi jew soċjetajiet mutwi) fil-Komunikazzjoni tagħha "Inizjattiva għal Negozju Soċjali" (SBI - Social Business Initiative) tal-25 ta' Ottubru 2011⁴. Is-SBI għandha l-għan li tappoġġja l-iżvilupp tan-negozji li primarjament jiffokaw fuq il-ħolqien ta' impatt soċjali permezz tal-attivitajiet tagħhom u l-azzjonijiet tagħha jindirizzaw u jibbenefikaw ukoll lil dawk l-entitajiet tal-ekonomija soċjali (inklużi l-fondazzjonijiet) li jissodisfaw il-kriterji ġenerali għal "negozju soċjali" stabbiliti fil-Komunikazzjoni.

Il-Parlament Ewropew sejjaħ għal qafas legali adattat għall-fondazzjonijiet (kif ukoll għal soċjetajiet u assoċjazzjonijiet mutwi) fir-riżoluzzjoni tiegħu bi tweġiba għall-Att dwar is-Suq Uniku tal-Kummissjoni; huwa argumenta favur l-introduzzjoni ta' Statuti għal dawn l-entitajiet legali fid-dikjarazzjoni bil-miktub tiegħu 84/2010 ta' Marzu 2011; u fir-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu tal-2006 u l-2009 ħeġġeġ lill-Kummissjoni biex taħdem għal

¹ COM(2010) 2020.

² COM(2011) 206.

³ COM(2010) 603.

⁴ COM(2011) 682.

dan il-għan⁵. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew irrakkomanda Statut fl-inizjattiva proprja ta' opinjoni tal-2010⁶, li tistabbilixxi r-riflessjonijiet tiegħu dwar kif Statut bħal dan għandu jiġi żviluppat, u l-Kumitat tar-Reġjuni appoġġa t-tħabbira tal-Kummissjoni tal-inizjattiva dwar il-fondazzjonijiet fl-Att dwar is-Suq Uniku⁷.

1.2. Raġunijiet tal-proposta u għanijiet tagħha

Il-fondazzjonijiet ma jistgħux jallokaw il-fondi b'mod effiċjenti fuq bażi transfruntier fl-UE. Meta jiddeċiedu li joperaw b'mod transfruntier, il-fondazzjonijiet iridu jonfqu parti mir-riżorsi li jiġbru fuq pariri legali u sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti legali u amministrattivi stabbiliti mil-liġijiet nazzjonali differenti.

Din l-inizjattiva toħloq forma legali Ewropea ġdida maħsuba sabiex tiffaċilita l-istabiliment u l-operat tal-fondazzjonijiet fis-suq uniku. Sejra tippermetti lill-fondazzjonijiet jużaw il-fondi privati għal skopijiet ta' benefiċċju pubbliku fuq bażi transfruntiera fl-UE b'effiċjenza akbar. Imbagħad, din għandha tirriżulta – pereżempju, minħabba spejjeż aktar baxxi għall-fondazzjonijiet – f'aktar finanzjament disponibbli għal attivitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku u għaldaqstant, din għandu jkollha impatt pożittiv fuq il-ġid pubbliku taċ-ċittadini Ewropej u fuq l-ekonomija tal-UE kollha.

Din il-proposta ma timmirax lejn li titratta mas-sitwazzjoni partikolari tal-fondazzjonijiet politiċi affiljati ma' partijiet politiċi fil-livell Ewropew. Dawn il-fondazzjonijiet kien soġġetti għar-regoli speċifiċi skont il-liġi tal-UE sa mill-2007, partikolarment fir-rigward tal-aċċess tagħhom għall-finanzjament mill-UE (flimkien mal-partiti politiċi fil-livell Ewropew)⁸. Il-Kummissjoni bħalissa qed tanalizzza dawn ir-regoli u matul l-2012 ser tadotta proposta leġiżlattiva li temendahom⁹.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

Fit-tnejn tal-proposta attwali, il-Kummissjoni bbażat ħafna fuq l-għarfien espert estern u kkomunikat b'mod komprensiv ma' partijiet interessati differenti.

L-ewwel nett, tawtaq studju tal-fattibilità — minn Konsorzju li magħmul lill-Max Planck Institute for Comparative and International Private Law f'Hamburg u l-Università ta' Heidelberg (Ċentru għall-Investiment Soċjali)¹⁰ — u ġie ppubblikat fl-2008; dan issuġġerixxa li Statut għal Fondazzjoni Ewropea (kemm jekk jindirizza kif ukoll jekk ma jindirizzax il-

⁵ Ir-Riżoluzzjoni tal-PE tas-6 ta' April 2011 dwar Suq Uniku għall-Ewropej (2010/2278(INI)); dikjarazzjoni bil-miktub 84/2010, P7_DCL(2010)0084; Ir-Riżoluzzjoni tal-PE tad-19 ta' Frar 2009 dwar l-Ekonomija Soċjali (2008/2250(INI)); u r-Riżoluzzjoni tal-PE tal-4 ta' Lulju 2006 dwar żviluppi u prospetti reċenti fir-rigward tal-liġi tal-kumpaniji (2006/2051(INI)).

⁶ INT/498 - CESE 634/2010 - April 2010.

⁷ CdR 330/2010 fin.

⁸ Ara r-Regolament (KE) Nru 1524/2007 tat-18.12.07 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi fl-livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-04.11.03..

⁹ Program ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2012, punt 76.

¹⁰ Ara http://ec.europa.eu/internal_market/company/docs/eufoundation/feasibilitystudy_en.pdf, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ l-'istudju tal-fattibilità'.

kwistjonijiet tat-taxxa) ikun l-alternattiva politika preferibbli sabiex tindirizza l-problemi identifikati.

It-tieni nett, bejn Frar u Mejju 2009 il-Kummissjoni organizzat konsultazzjoni pubblika dwar ir-rakkomandazzjonijiet tal-istudju tal-fattibbiltà. Filwaqt li l-fondazzjonijiet esprimew appoġġ qawwi għall-Istatut, l-awtoritajiet nazzjonali u, sa ċertu punt, l-organizzazzjonijiet kummerċjali kienu aktar xettiċi dwar il-ħtieġa għal din il-forma legali u dwar il-fattibbiltà tagħha. Konsultazzjoni aktar ġenerali dwar il-Komunikazzjoni bl-isem 'Lejn Att dwar is-Suq Uniku' fl-2010-2011 ukoll uriet interess qawwi fl-Istatut mis-settur tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ.

Barra minn hekk, permezz ta' diskussjonijiet bilaterali mal-fondazzjonijiet, b'mod partikolari matul il-*'Ġimgħa tal-Fondazzjonijiet Ewropej'* f'Ġunju 2010 u permezz ta' kuntatti ma' Ċentru għall-Fondazzjonijiet Ewropej (EFC - European Foundation Centre), il-Kummissjoni gābret aktar informazzjoni dwar problemi konkreti esperjenzati.

Il-Kummissjoni gābret informazzjoni anki dwar il-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti mill-awtoritajiet nazzjonali permezz ta' kwestjonarju u diskussjonijiet sussegwenti mal-Grupp ta' Esperti dwar il-Liġi tal-Kumpaniji (CLEG - Company Law Expert Group)¹¹ fl-2009, fl-2010 u fl-2011. Ħafna Stati Membri esprimew riżervazzjonijiet dwar il-ħtieġa ta' forom legali Ewropej ġodda, anki għal fondazzjonijiet.

Il-Kummissjoni qieset il-kummenti u t-tħassib imsemmija hawn fuq meta abbozzat il-proposta billi bbażat ruħha fuq l-analiżi tal-ħtiġijiet tal-fondazzjonijiet u tas-sistemi legali nazzjonali, u billi rrikorriet għal soluzzjonijiet (eż. f'termini tal-ambitu tal-inizjattiva) li dwarhom jista' jkun aktar faċli li jintlaħaq kompromess fid-dawl tad-diversità tal-liġijiet nazzjonali.

Il-valutazzjoni tal-impatt ġiet imsejsa fuq id-dejta miġbura kif imsemmi hawn fuq. Il-problema kumplessiva identifikata kienet il-fatt li l-varjetà ta' regoli ċivili u tat-taxxa nazzjonali jrendu l-operat transfruntier tal-fondazzjonijiet għali u kkumplikat u li, konsegwentement, l-allokazzjoni transfruntiera ta' fondi għal skopijiet ta' benefiċċju pubbliku permezz ta' fondazzjonijiet ftit li xejn kienet qed tiġi utillizzata. Il-problemi aktar speċifiċi inkludew inċertezza dwar ir-rikonoxximent bħala fondazzjoni bi skop ta' benefiċċju pubbliku fi Stati Membri oħra, l-ispejjeż tal-ippuljar u tat-tqassim ta' fondi fuq bażi transfruntiera, u donazzjonijiet transfruntieri limitati.

Ġew ikkunsidrati l-alternattivi li ġejjin: (1) l-ebda azzjoni politika ġdida fil-livell tal-UE; (2) kampanja informattiva u karta volontarja tal-kwalità; (3) Statut għal Fondazzjoni Ewropea (kemm jekk jindirizza kif ukoll jekk ma jindirizzax il-kwistjonijiet tat-taxxa); u (4) armonizzazzjoni limitata tal-liġijiet dwar il-fondazzjonijiet.

L-alternattiva *ebda azzjoni politika* tkun tiddependi fuq l-inizjattivi fis-seħħ, inklużi l-każijiet ta' ksur u l-ħidma fil-qasam tat-taxxa, l-iżgurar tal-kompletezza tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Servizzi, inizjattivi mhux leġiżlattivi fil-qasam tar-riċerka, u inizjattivi tas-settur tal-fondazzjonijiet sabiex jiġi appoġġjat l-għoti transfruntier.

L-alternattiva *kampanja informattiva* jkollha l-għan li tipprova tikseb titjib fl-għarfien tal-fondazzjonijiet rigward id-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-liġijiet nazzjonali meta joperaw fuq bażi transfruntiera. Barra minn hekk, *karta tal-kwalità*, li għandha titfassal mill-

¹¹ Is-CLEG jgħaqqad flimkien esperti dwar il-liġi tal-kumpaniji minn amministrazzjonijiet nazzjonali u jiltaqa' tliet darbiet fis-sena, taħt il-presidenza tad-DĠ Suq Intern u Servizzi.

fondazzjonijiet fuq bażi volontarja, u “tikketta Ewropea tal-kwalità” assoċjata li tista’ tingħata lil dawk il-fondazzjonijiet li jikkonformaw mal-karta, ikollhom l-għan li jiżguraw il-kwalità u l-affidabbiltà tal-attivitajiet tal-fondazzjonijiet.

L-alternattiva *Statut għal Fondazzjoni Ewropea li ma tindirizzax il-kwistjonijiet tat-taxxa* tipproponi forma legali alternattiva għall-fondazzjonijiet; ma titlobx bidliet għall-forom eżistenti tal-fondazzjonijiet nazzjonali u l-użu tagħha jkun wieħed volontarju. L-Istatut ikun jistabbilixxi ċerti rekwiżiti (eż. assi minimi ta’ stabbiliment, skopijiet ta’ benefiċċju pubbliku kif inhumaa mifhuma fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri) sabiex issir Fondazzjoni Ewropea.

Barra minn hekk, l-alternattiva *Statut għal Fondazzjoni Ewropea li tindirizza l-kwistjonijiet tat-taxxa* tkun teħtieġ li l-Istat Membri jirrikonoxxu l-Fondazzjoni Ewropea bħala ekwivalenti għall-fondazzjonijiet domestiċi bi skopijiet ta’ benefiċċju pubbliku, u għaldaqstant, jagħtuha l-istess benefiċċji għat-taxxa li jingħataw lil dawk il-fondazzjonijiet domestiċi. L-istess soluzzjoni tkun tapplika fir-rigward tad-donaturi tal-Fondazzjoni Ewropea u fir-rigward tal-benefiċjarji tagħha.

Armonizzazzjoni limitata tal-liġijiet dwar il-fondazzjonijiet tkun tfisser armonizzazzjoni ta’ dawk ir-rekwiżiti li l-fondazzjonijiet iridu jissodisfaw sabiex ikunu jistgħu jirreġistraw u joperaw f’pajjiżi barranin, jiġifieri skopijiet aċċettabbli ta’ fondazzjoni bi skop ta’ benefiċċju pubbliku, l-assi minimi, ir-rekwiżiti ta’ reġistrazzjoni u xi aspetti tal-governanza interna. L-Istati Membri jkollhom iħallu lill-fondazzjonijiet li jissodisfaw il-kriterji ta’ armonizzazzjoni joperaw fil-pajjiż tagħhom mingħajr ma jimponu l-ebda rekwiżit addizzjonali. Ġew ikkunsidrati wkoll l-alternattivi ta’ armonizzazzjoni aktar estensiva tal-liġijiet nazzjonali dwar il-fondazzjonijiet u l-armonizzazzjoni tat-trattament fiskali tal-fondazzjonijiet u d-donaturi tagħhom.

L-analiżi tal-impatt tal-alternattivi proposti turi li l-Istatut għall-Fondazzjoni Ewropea bi trattament fiskali mhux diskriminatorju applikat awtomatikament ikun l-aktar alternattiva xierqa, li tneħħi l-ostakli transfruntieri għall-fondazzjonijiet u għad-donaturi u li tiffaċilita l-allokazzjoni effiċjenti ta’ fondi għal skopijiet ta’ benefiċċju pubbliku.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

3.1. Bażi legali

Il-bażi legali għar-Regolament propost dwar l-Istatut għal Fondazzjoni Ewropea hija l-Artikolu 352 tat-TFUE, li jipprovdi l-bażi legali adatta meta ma jkun hemm l-ebda dispożizzjoni oħra fit-Trattat, jagħti s-setgħat neċessarji lill-istituzzjonijiet tal-UE sabiex jadottaw miżura.

L-Artikolu 352 huwa l-bażi legali magħżula għall-forom legali Ewropej eżistenti fil-qasam tal-liġi tal-kumpaniji, jiġifieri l-Kumpanija Ewropea, il-Grupp Ewropew ta’ Interess Ekonomiku u s-Soċjetà Kooperattiva Ewropea. Fis-sentenza tagħha dwar is-Soċjetà Kooperattiva Ewropea¹², il-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja kkonfermat li l-Artikolu 352 kien il-bażi legali korretta.

¹² C-436/03 il-Parlament Ewropew vs il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.

3.2. Sussidjarjetà u proporzjonalità

L-azzjoni proposta tikkonforma bis-sħiħ mal-prinċipju tas-**sussidjarjetà**. L-azzjoni tal-UE hija meħtieġa sabiex telimina l-ostakli u r-restrizzjonijiet nazzjonali attwali li jiltaqgħu magħhom il-fondazzjonijiet meta joperaw madwar l-UE. Is-sitwazzjoni attwali turi li l-problema mhijiex indirizzata b'mod xieraq fil-livell nazzjonali u li l-karattru transfruntier tagħha jeħtieġ qafas komuni sabiex titjeb il-mobilità tal-fondazzjonijiet. Azzjoni mill-Istati Membri waħedhom ma tippermettix li s-suq uniku jagħti l-aqwa riżultati għaċ-ċittadini tal-UE. Din l-inizjattiva tagħti lill-fondazzjonijiet l-għażla li jagħżlu l-forma legali Ewropea proposta u b'hekk l-attivitajiet transfruntieri tagħhom jiġu ffaċilitati.

L-azzjoni proposta tkun xierqa u ma tkunx qed tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu b'mod sodisfaċenti dawk l-għanijiet li ġew stabbiliti, u għaldaqstant tikkonforma mal-prinċipju tal-**proporzjonalità**. Għandha l-għan li toħloq forma legali ġdida minbarra l-forom nazzjonali, u b'hekk ma tibdel xejn mil-liġijiet nazzjonali differenti diġà eżistenti. Tħalli f'idejn l-Istati Membri l-għażla u l-possibbiltà li jżommu u li jiżviluppaw il-forom legali nazzjonali tagħhom. Barra minn hekk, sa fejn hija kkonċernata t-tassazzjoni, din ma tiħux post il-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trattament fiskali tal-fondazzjonijiet bi skopijiet ta' benefiċċju pubbliku (u d-donaturi tagħhom) b'sett ġdid ta' regoli armonizzati iżda tkun qiegħda sempliċiment trendi dawn ir-regoli eżistenti applikabbli b'mod awtomatiku għall-Fondazzjoni Ewropea (u d-donaturi tagħha). L-azzjoni proposta tindirizza l-akbar ostakli sinifikanti li l-fondazzjonijiet jiltaqgħu magħhom meta joperaw fuq bażi transfruntiera, mingħajr ma tistabbilixxi b'mod eżawrjenti r-regoli applikabbli kollha għall-Fondazzjoni Ewropea u mingħajr ma tintroduċi sett ġdid ta' regoli tat-taxxa.

3.3. Għażla tal-istrument legali

Regolament huwa l-aktar mezz xieraq sabiex tiġi żgurata l-uniformità tal-Istatut fl-Istati Membri kollha minħabba li forma legali Ewropea teħtieġ l-applikazzjoni uniformi u diretta tar-regoli madwar l-UE.

4. SPJEGAZZJONI DETTALJATA TAL-PROPOSTA

Il-Kapitolu I (Dispożizzjonijiet ġenerali) fih *is-suġġett*, *ir-regoli applikabbli* għall-FE, u sett ta' *definizjonijiet* sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza tat-termini użati għall-finijiet tar-Regolament.

Jistabbilixxi l-*karatteristiċi ewlenin* tal-FE: l-FE hija entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku b'personalità ġuridika u b'kapaċità legali sħiħa fl-Istati Membri kollha tal-UE; għandha dimensjoni transfruntiera f'termini ta' attivitajiet jew għan statutorju ta' twettiq ta' attivitajiet f'tal-inqas żewġ Stati Membri; l-*assi tal-istabbiliment* tagħha huma ekwivalenti għal tal-inqas EUR 25 000. Il-FE titħalla twettaq attivitajiet ekonomiċi sakemm il-qligħ jintuża għall-iskop(ijiet) tagħha ta' benefiċċju pubbliku, b'konformità mar-Regolament. Għal raġunijiet ta' ċarezza legali, hija pprovduta lista eżawrjenti ta' skopijiet ta' benefiċċju pubbliku aċċettati taħt il-liġijiet ċivili u tat-taxxa fil-parti l-kbira tal-Istati Membri.

Il-Kapitolu II (Formazzjoni) jistabbilixxi l-*metodi ta' formazzjoni* tal-FE, il-kontenut minimu tal-istatuti u r-rekwiżiti ta' *reġistrazzjoni*.

Fir-rigward tal-*formazzjoni* tagħha, il-FE tista' tiġi fformata *ex nihilo* (permezz ta' dispożizzjoni testamentarja, permezz ta' atti notarili jew permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub minn kwalunkwe persuna/i fiżika/fiżiċi u/jew ġuridika/ġuridiċi jew korp(i) pubbliku/pubbliċi

skont il-liġi nazzjonali applikabbli), permezz ta' fużjoni ta' entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku stabbiliti b'mod legali fi Stat Membru wieħed jew aktar jew permezz ta' konverżjoni f'FE ta' entità nazzjonali bi skop ta' benefiċċju pubbliku stabbilita b'mod legali fi Stat Membru.

Il-Kapitolu jistabbilixxi lista ta' dokumenti u dettalji li għandhom jakkumpanjaw l-applikazzjonijiet għal *reġistrazzjoni* u li għandhom jiġu divulgati. Barra minn hekk, sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' reġistrazzjoni, ir-reġistri huma meħtieġa jikkooperaw flimkien fir-rigward tad-dokumenti u d-dettalji tal-FE.

Il-Kapitolu III (Organizzazzjoni tal-Fondazzjoni Ewropea) jistabbilixxi r-regoli rigward il-bord ta' tmexxija, id-diretturi maniġerjali u l-bord superviżorju, anki fir-rigward tal-kunflitti ta' interess. Sabiex jiġu żgurati l-kredibbiltà u l-affidabbiltà tagħha, il-FE trid tapplika standards għoljin ta' trasparenza u responsabbiltà.

Il-Kapitolu IV (Uffiċċju reġistrat u t-trasferiment tiegħu). Il-FE tista' tittrasferixxi l-uffiċċju reġistrat tagħha fi Stat Membru ieħor, filwaqt li iżżomm il-personalità ġuridika tagħha u mingħajr ma jkollha twettaq stralċ.

Il-Kapitolu V (L-involviment tal-impjegati u l-voluntiera) fih regoli rigward l-informazzjoni u l-konsultazzjoni mal-impjegati u l-voluntiera, skont il-liġi rilevanti tal-UE. Il-proposta ma fihix regoli dwar il-parteċipazzjoni tal-impjegati fil-bord minħabba li parteċipazzjoni fil-livell tal-bord f'entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku teżisti biss fi ftit Stati Membri.

Il-Kapitolu VI (Ix-xoljiment ta' FE). Ir-Regolament jippermetti l-konverżjoni tal-FE lura għal entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku rregolata mil-liġi tal-Istat Membru li fih għandha l-uffiċċju reġistrat bil-kundizzjoni li l-konverżjoni tkun permessa taħt l-istatuti tal-FE. Fih ukoll regoli dwar l-istralċ f'każijiet fejn l-iskop tal-FE jkun inkiseb jew inkella ma jstax jinkiseb, ikun skada ż-żmien li l-FE kienet stabbilita għalih jew jekk il-FE tilfet l-assi kollha tagħha.

Il-Kapitolu VII (Superviżjoni mill-Istat Membru) jagħti setgħat qawwija lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ta' superviżjoni, sabiex jippermettilhom jissorveljaw b'mod effettiv l-attivitajiet tal-entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku li huma responsabbli minnhom. Pereżempju għandhom is-setgħa li japprovaw bidla fl-iskop tal-FE, li jinvestigaw f'affarijiet tal-FE, li joħorġu twissijiet lill-bord tat-tmexxija u li jordnaw lill-bord tat-tmexxija sabiex jikkonforma mal-istatuti tal-FE, mar-Regolament u mal-liġi nazzjonali applikabbli, li jagħtu s-sensja jew li jipproponu s-sensja ta' membru tal-bord quddiem qorti jew li jwettqu stralċ jew li jipproponu l-istralċ tal-FE quddiem qorti. L-awtoritajiet superviżorja huma meħtieġa wkoll jikkooperaw u jiskambjaw informazzjoni ma' xulxin u huma inklużi regoli rigward il-kooperazzjoni tar-reġistri u tal-awtoritajiet superviżorji mal-awtoritajiet tat-taxxa.

Il-Kapitolu VIII (Trattament fiskali). Ir-Regolament jipprovdi għall-applikazzjoni awtomatika tal-istess benefiċċji tat-taxxa għal entitajiet domestiċi bi skopijiet pubbliċi għall-FE u d-donaturi tagħha. Dan għaliex l-Istati Membri jkunu meħtieġa jqisu lill-FE bħala ekwivalenti għal entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku stabbiliti skont il-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri kkonċernati. Id-donaturi u l-benefiċjarji tal-FE għandhom jiġu ttrattati skont l-istess prinċipju.

Il-Kapitolu IX (Dispożizzjonijiet finali) jeħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għal ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u li jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-proposta tinkorpora klawżola ta' reviżjoni.

5. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni Ewropea.

6. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

Ir-Regolament propost huwa ta' rilevanza għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar l-Istatut għal Fondazzjoni Ewropea (FE)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 352 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹³,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹⁴,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni¹⁵,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislattiva speċjali,

Billi:

- (1) Permezz tal-attivitajiet tagħhom f'diversi oqsma, entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku jikkontribwixxu għall-valuri u l-għanijiet fundamentali tal-Unjoni bħar-rispett għad-drittijiet umani, il-protezzjoni tal-minoranzi, l-impjiegi u l-progress soċjali, il-ħarsien, il-konservazzjoni u t-titjib tal-ambjent jew il-promozzjoni tal-avvanzi xjentifiċi u teknoloġiċi.
- (2) Il-qafas legali li fih l-entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku jwettqu l-attivitajiet tagħhom fl-Unjoni huwa bbażat fuq liġijiet nazzjonali, mingħajr armonizzazzjoni fil-livell tal-Unjoni. Barra minn hekk, hemm differenzi sostanzjali bejn il-liġijiet ċivili u fiskali tal-Istati Membri. Dawn id-differenzi jrendu l-operazzjonijiet transfruntieri ta' entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku għaljin u kkumplikati. Konsegwentement, f'it li xejn issir allokazzjoni transfruntiera ta' fondi għal skopijiet ta' benefiċċju pubbliku.

¹³ ĠU C , , p . .

¹⁴ ĠU C , , p . .

¹⁵ ĠU C , , p . .

- (3) Fid-dawl tal-problemi affaċċjati mill-entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku u l-fatt li ma hemm l-ebda forma legali Ewropea oħra li dawn jistgħu jużaw għall-attivitajiet tagħhom, għandha tiġi pprovduta forma Ewropea mfassla speċifikament għal dawn l-entitajiet u li jistgħu jinħolqu madwar l-Unjoni kollha. Din il-forma legali għandha tkun uniformi kemm jista' jkun madwar l-Unjoni sabiex tippromwovi bl-aqwa mod l-attivitajiet transfruntieri bi skop ta' benefiċċju pubbliku.
- (4) Il-Parlament Ewropew adotta risoluzzjonijiet fis-6 ta' April 2011 dwar Suq Uniku għall-Ewropej¹⁶, fid-19 ta' Frar 2009 dwar l-Ekonomija Soċjali¹⁷, u fl-4 ta' Lulju 2006 dwar żviluppi u prospetti reċenti fir-rigward tal-liġi tal-kumpaniji¹⁸, u ħareġ dikjarazzjoni bil-miktub fl-10 ta' Marzu 2011 dwar l-istabbiliment ta' statuti Ewropej għas-soċjetajiet mutwi, l-assoċjazzjonijiet u l-fondazzjonijiet¹⁹, fejn sejjaħ għal Statut għal Fondazzjoni Ewropea.
- (5) Fit-28 ta' April 2010 il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta opinjoni dwar l-Istatut tal-Fondazzjonijiet Ewropej²⁰. Fl-1 ta' April 2011 il-Kumitat tar-Reġjuni ta opinjoni dwar l-Att dwar is-Suq Uniku²¹. Iż-żewġ opinjonijiet appoġġjaw l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tistabbilixxi Statut għal Fondazzjoni Ewropea.
- (6) Il-Fondazzjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem 'FE') għandha tiġi rregolata mir-regoli sostantivi stabbiliti f'dan ir-Regolament u mill-istatuti tal-FE. Id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali applikabbli għal entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku għandhom japplikaw għal kwistjonijiet li mhumiex regolati mir-Regolament jew mill-istatuti tal-FE jew li huma regolati minnhom parzjalment biss.
- (7) Il-FE għandha toppomwovi skopijiet ta' benefiċċju pubbliku biss, mifhuma li jkunu ta' benefiċċju għal grupp ta' benefiċjarji definit b'mod wiesa'. Minħabba li l-attivitajiet ta' entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku jiffokaw fuq oqsma li huma importanti għaċ-ċittadini Ewropej u għall-ekonomija Ewropea, dan l-iskop ikun wieħed li jġib l-aqwa benefiċċji soċjali, ekonomiċi u ambjentali. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, l-iskop ta' benefiċċju pubbliku għandu jiġi definit permezz ta' lista komprensiva ta' skopijiet.
- (8) L-iskop ewlieni tal-Istatut huwa li jneħħi l-ostakli li l-fondazzjonijiet jaffaċċjaw meta joperaw fuq bażi transfruntiera fi ħdan l-Unjoni. Għaldaqstant, l-azzjoni tal-Unjoni għandha tiffoka fuq daww l-entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku li diġà jwettqu attivitajiet fi Stati Membri oħra jew li għandhom il-ħsieb li jagħmlu dan, kif iddikjarat fl-istatuti tagħhom.
- (9) Il-FE għandu jkollha assi ta' ċertu valur minimu sabiex jagħmluha affidabbli f'għajnejn id-donaturi u l-awtoritajiet pubbliċi, sabiex turi s-serjetà tal-iskopijiet tagħha u sabiex tipprevjeni l-użu ħażin tal-forma legali. Madankollu, ir-reqwiżit ta' valur minimu ta' assi ma għandux irendi lill-Fondazzjoni Ewropea għalja wisq sabiex tiġi stabbilita tant li jkun aktar diffiċli li tintuża din il-forma ta' entità.

¹⁶ 2010/2278(INI).

¹⁷ 2008/2250(INI).

¹⁸ 2006/2051(INI).

¹⁹ Id-Dikjarazzjoni bil-miktub 84/2010, P7_DCL(2010)0084.

²⁰ INT/498 - CESE 634/2010 - April 2010.

²¹ CdR 330/2010 fin.

- (10) Sabiex tkun kompletament operazzjonali, il-FE għandu jkollha personalità ġuridika u kapaċità legali shiġha fl-Istati Membri kollha, u għandha tkun kapaċi twettaq kwalunkwe attività neċessarja biex tilħaq l-iskop ta' benefiċċju pubbliku tagħha, sakemm dawn ikunu konformi mal-istatuti u ma' dan ir-Regolament.
- (11) L-abbiltà li twettaq attivitajiet ekonomiċi, kemm relatati kif ukoll mhux relatati mal-iskop ta' benefiċċju pubbliku tagħha, tkun qed tipprovdi lill-FE b'sors sostanzjali ta' finanzjament u mezzi biex iżżid il-fondi disponibbli għal skopijiet ta' benefiċċju pubbliku, u għandu jkollha l-permess tagħmel dan. Madankollu, fl-interess ta' żgurar tal-protezzjoni tal-kreditur u l-użu xieraq tal-assi, għandu jiġi stabbilit limitu massimu għal attivitajiet ekonomiċi mhux relatati li huma permessi.
- (12) Sabiex il-FE tiffihalla twettaq l-attivitajiet transfruntieri tagħha, fejn huwa neċessarju, din għandha tgawdi minn dritt ta' stabbiliment fis-sens tal-Artikolu 49 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.
- (13) Sabiex il-FE tkun aċċessibbli sew għall-fundaturi u għall-fondazzjonijiet, għandu jkun possibbli li l-FE tinholq *ex nihilo*, permezz ta' fużjoni bejn entitajiet nazzjonali bi skop ta' benefiċċju pubbliku jew permezz ta' konverżjoni f'FE ta' entitajiet nazzjonali bi skop ta' benefiċċju pubbliku. Sabiex jiġi ffaċilitat il-ħolqien ta' FE permezz ta' konverżjoni jew permezz ta' fużjoni transfruntiera, ir-Regolament għandu jistabbilixxi regoli dwar il-proċeduri rispettivi tagħhom. Fużjonijiet bejn entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku li għandhom l-uffiċċju reġistrat tagħhom fl-istess Stat Membru għandhom jiġu regolati mil-liġi ta' dak l-Istat Membru.
- (14) Sabiex ma jiġux imposti piżijiet żejda fuq entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku, il-formalitajiet għar-reġistrazzjoni tal-FE għandhom ikunu limitati għal dawk ir-rekwiżiti li huma neċessarji sabiex tiġi żgurata ċertezza legali. Ir-reġistri nazzjonali għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-FEs reġistrati tagħhom.
- (15) Sabiex il-FE ikun jista' jkollha strutturi legali li jistgħu jiġu adattati għall-ħtiġijiet u d-daqs tagħha u li jistgħu jevolvu hekk kif tiżviluppa l-attività, i fl-istatuti tagħha l-FE għandha tkun libera li tiddeċiedi dwar l-organizzazzjoni interna li tixirqilha l-aktar. Madankollu, xi regoli mandatorji dwar il-governanza, kif ukoll, b'mod partikolari, dwar ir-rwol u d-doveri tal-bord tat-tmexxija, l-għadd minimu tal-membri tiegħu għandhom jiġu stabbilit mir-Regolament. Il-FE għandha tkun tista' tistabbilixxi bord superviżorju jew korpi oħrajn. Sabiex jiġu ffaċilitati l-opinjoni jiet indipendenti u l-isfidi kritiċi, il-bord ta' tmexxija u l-bord superviżorju tal-FE għandhom ikunu differenti biżżejjed fir-rigward tal-età, il-ġender, l-edukazzjoni u l-isfond professjonali tagħhom. Il-bilanċ bejn il-ġenders huwa ta' importanza partikolari sabiex tkun żgurata rappreżentanza adegwata tal-popolazzjoni. Minħabba d-differenzi fir-reġimi nazzjonali, ir-responsabbiltà tad-diretturi għandha tkun regolata mil-liġi nazzjonali applikabbli.
- (16) Huwa essenzjali li l-assi tal-FE jintużaw sabiex jirkabbar l-iskop tagħha ta' benefiċċju pubbliku. Għandhom jiġu pprovduti regoli ċari sabiex jiġi evitat kwalunkwe kunflitt ta' interessi li jhedded dan il-prinċipju. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li mhux biss kunflitt ta' interess reali, iżda wkoll is-sempliċi ħjiel ta' kunflitt ta' interess jista' jkollu impatt fuq ir-reputazzjoni u d-dehra tal-FE.

- (17) Għal raġunijiet ta' kredibbiltà u affidabbiltà, il-FE għandha tapplika standards għoljin ta' trasparenza u responsabbiltà. Il-FE għandha żżomm rekords tat-tranżazzjonijiet finanzjarji u l-kontijiet annwali tagħha. Dawk il-kontijiet għandhom jiġu awditjati skont ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE²² u għandhom jiġu ddivulgati.
- (18) Sabiex il-FE tkun tista' tiegħu l-benefiċċji sħaħ tas-suq uniku, għandha titħalla titrasferixxi l-uffiċċju reġistrat tagħha minn Stat Membru għal ieħor.
- (19) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-FE, din għandha tiġi ssorveljata minn awtorità superviżorja statali. Attwalment, dan huwa l-każ fl-Istati Membri kollha għal entitajiet nazzjonali bi skop ta' benefiċċju pubbliku. Sabiex tibbenefika mill-proċeduri li diġà huma żviluppati minn awtoritajiet nazzjonali, is-superviżjoni għandha sseħħ fil-livell nazzjonali. Ir-Regolament għandu jistabbilixxi setgħat ta' superviżjoni minimi imma qawwija sabiex jiġgarantixxi setgħat adegwati u uniformi biżżejjed għall-awtoritajiet superviżorji madwar l-Unjoni. Għall-finijiet ta' superviżjoni effiċjenti, għandha tiġi żgurata kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji tal-Istati Membri.
- (20) L-Istati Membri jgawdu minn libertà kbira fid-determinazzjoni tat-trattament fiskali applikabbli għal entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku u d-donaturi tagħhom fir-rigward tat-taxxi fuq id-dħul u fuq il-qligħ kapitali, it-taxxi fuq ir-rigali u fuq il-wirt, it-taxxi fuq il-proprjetà u l-art, it-taxxi fuq it-trasferimenti, it-taxxi ta' reġistrazzjoni, it-taxxi tal-bolla u taxxi simili. Fl-istess ħin, huwa neċessarju li jiġi żgurat li l-Istati Membri ma jiddiskriminawx kontra entitajiet barranin bi skop ta' benefiċċju pubbliku u d-donaturi tagħhom.
- (21) Ħafna Stati Membri jipprovdu trattament fiskali favorevoli għal entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku u d-donaturi tagħhom. Għaldaqstant, sabiex iġġib l-oġġla valur miżjud possibbli għal entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku fl-Unjoni, il-FE għandha tkun tista' tibbenefika mill-istess vantaġġi tat-taxxa li l-Istat Membru fejn il-FE għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha jagħti lill-entitajiet domestiċi bi skop ta' benefiċċju pubbliku. Trattament mhux diskriminatorju bħal dan għandu japplika wkoll għad-donaturi li jagħtu lill-FE u għall-benefiċċjarji tal-FE ġewwa l-pajjiż jew b'mod transfruntier. Fil-każijiet kollha, dan it-trattament għandu jiġi applikat mingħajr l-ebda hteġa għall-FE jew għad-donaturi jew il-benefiċċjarji tagħha li juru li l-FE hija ekwivalenti għall-entitajiet domestiċi bi skop ta' benefiċċju pubbliku.
- (22) L-Istati Membri għandhom jagħtu l-istess trattament fiskali lill-FEs bħal ma jagħtu lill-entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku domestiċi għall-attivitajiet ekonomiċi tagħhom, fosthom attivitajiet ekonomiċi mhux relatati permessi. Kwalunkwe trattament fiskali preferenzjali għall-attivitajiet ekonomiċi, fosthom attivitajiet ekonomiċi mhux relatati permessi, għandu jirrispetta d-dispożizzjonijiet dwar il-kompetizzjoni tat-Trattat, inklużi r-regoli dwar l-ġhajjnuna mill-Istat.

²² ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87.

- (23) Iridu jiġu adottati dispożizzjonijiet sabiex jiġi ggarantit id-dritt tal-impjegati tal-FE li jiġu informati u kkonsultati fil-livell transnazzjonali adattat f'sitwazzjonijiet fejn il-FE jkollha għadd sinifikanti ta' impjegati fi Stati Membri differenti. Sabiex jiġi żgurat li dawn huma adatti għas-sitwazzjoni speċifika ta' kull FE, l-arranġamenti prattiċi għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni transnazzjonali tal-impjegati għandhom jiġu determinati primarjament permezz ta' ftehim bejn il-partijiet fl-FE jew, fin-nuqqas ta' dawn, permezz tal-applikazzjoni ta' sett ta' rekwiżiti sussidjarji li jinsabu fid-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 dwar l-istabbiliment ta' Kunsill tax-Xogħlijiet Ewropew jew proċedura fl-impreżi fuq skala Komunitarja u fil-gruppi ta' impreżi fuq skala Komunitarja għall-għanijiet ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni mal-impjegati²³. Minħabba l-importanza tal-volontarjat fil-fondazzjonijiet, voluntiera li jkun ilhom għandhom jiġu involuti fil-proċess ta' informazzjoni u konsultazzjoni fl-FE.
- (24) Għall-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dispożizzjonijiet li jadottaw fir-rigward ta' dan ir-Regolament ma jirriżultawx f'restrizzjonijiet regolatorji sproporzjonati fir-rigward tal-FE jew fi trattament diskriminatorju tal-FE meta mqabbla ma' entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku regolati mil-liġi nazzjonali.
- (25) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-penalitajiet applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, inkluż il-ksur tal-obbligu li l-kwistjonijiet preskritti minn dan ir-Regolament jiġu rregolati fl-istatuti tal-FE, u għandhom jiżguraw li jiġu infurzati. Dawk il-penalitajiet iridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.
- (26) Għall-adozzjoni ta' dan ir-Regolament, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ma jipprovdi setgħat għajr dawk ta' taħt l-Artikolu 352.
- (27) Minħabba li l-għanijiet tal-azzjoni proposta li jiġu ffaċilitati l-attivitajiet transfruntier ta' entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri minħabba l-fatt li dawn jinvolve l-ħolqien ta' forma ta' entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku b'karatteristiċi komuni madwar l-Unjoni u għaldaqstant, minħabba l-iskala tal-azzjoni, jistgħu jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (28) Dan ir-Regolament huwa bla ħsara għar-regoli dwar il-fondazzjonijiet politiċi fil-livell Ewropew stipulati mir-Regolament (KE) Nru 2004/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar ir-regolamenti li jirregolaw il-partiti politiċi fl-livell Ewropew u r-regoli dwar il-finanzjament tagħhom²⁴.

²³ ĠU L 122, 16.5.2009, p. 28.

²⁴ ĠU L 297, 15.11.2003, p. 1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Kapitolu 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

TAQSIMA 1

SUĠĠETT, REGOLI APPLIKABBLI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-istabiliment u l-operat ta' Fondazzjoni Ewropea (*Fundatio Europaea*, minn hawn 'il quddiem 'FE').

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) 'assi' tfisser kwalunkwe riżorsa tanġibbli jew intanġibbli li tista' tkun posseduta jew li tista' tiġi kkontrollata sabiex tipproduċi valur;
- (2) 'attività ekonomika mhux relatata' tfisser attività ekonomika tal-FE, li ma taqax direttament taħt l-iskop ta' benefiċċju pubbliku tal-entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku;
- (3) 'dispożizzjoni testamentarja' tfisser kwalunkwe dokument legali, skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru fejn it-testatur huwa residenti, li jiddeskrivi kif għandha tiġi amministrata u mqassma l-proprietà tat-testatur wara mewtu;
- (4) 'korp pubbliku' tfisser kwalunkwe entità, kemm jekk hija kif ukoll jekk mhijiex legalment parti mill-gvern statali, nazzjonali, reġjonali jew lokali, jew awtorità pubblika oħra kostitwita legalment, li tipprovdi servizzi pubbliċi jew li twettaq funzjonijiet pubbliċi fuq bażi statutorja;
- (5) 'entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku' tfisser fondazzjoni bi skop ta' benefiċċju pubbliku u/jew korp ta' korporazzjoni simili bi skop ta' benefiċċju pubbliku mingħajr sħubija fformata skont il-liġi ta' wieħed mill-Istati Membri;

- (6) ‘Stat Membru tad-domiċilju’ tisser l-Istat Membru li fih il-FE jkollha l-uffiċċju reġistrat tagħha immedjatament qabel it-trasferiment tal-uffiċċju reġistrat tagħha lejn Stat Membru ieħor;
- (7) ‘Stat Membru ospitanti’ tisser l-Istat Membru li fih huwa trasferit l-uffiċċju reġistrat tal-FE.

Artikolu 3

Regoli applikabbli għall-FE

1. Il-FE għandha tiġi regolata minn dan ir-Regolament u mill-istatuti tal-FE.
2. Fi kwistjonijiet li mhumiex regolati jew li f’parti minnhom biss huma regolati minn dan ir-Regolament u/jew mill-istatuti tal-FE, il-FE għandha tiġi regolata mir-regoli li ġejjin:
 - (a) id-dispożizzjonijiet adottati mill-Istati Membri sabiex jiżguraw l-applikazzjoni effettiva ta’ dan ir-Regolament;
 - (b) għal kwistjonijiet li mhumiex koperti mill-punt (a), id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali applikabbli għal entitajiet bi skop ta’ benefiċċju pubbliku.

Artikolu 4

Divulgazzjoni

1. L-informazzjoni rigward il-FE li għandha tiġi divulgata skont dan ir-Regolament għandha tiġi divulgata skont il-liġi nazzjonali applikabbli b’mod li tkun faċilment aċċessibbli għall-pubbliku.
2. L-ittri u l-formoli ta’ ordnijiet tal-FE, kemm jekk huma miktuba fuq karti kif ukoll jekk huma f’forma elettronika, kif ukoll kwalunkwe sit elettroniku tal-FE għandhom jirrapportaw id-dettalji li ġejjin:
 - (c) l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni tar-reġistru msemmi fl-Artikolu 22(1), bin-numru tal-entrata tal-FE f’dak ir-reġistru;
 - (d) isem il-FE, l-Istat Membru li fih il-FE għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha, l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat tagħha u
 - (e) fejn xieraq, il-fatt li l-FE hija sottoposta għal proċeduri ta’ insolvenza jew xoljiment.

TAQSIMA 2

REKWIŻITI ĠENERALI GĦALL-FE

Artikolu 5

Skop ta' benefiċċju pubbliku

1. Il-FE għandha tkun entità kostitwita b'mod separat għal skop ta' benefiċċju pubbliku.
2. Il-FE għandha sservi l-interess pubbliku b'mod ġenerali.

Tista' tinholq għall-iskopijiet li ġejjin biss, li għalihom l-assi tagħha jridu jkunu ddedikati b'mod irrevokabbli:

- (a) l-arti, il-kultura jew il-preżervazzjoni storika;
- (b) il-ħarsien ambjentali;
- (c) id-drittijiet ċivili jew umani;
- (d) l-eleminazzjoni tad-diskriminazzjoni minħabba l-ġender, ir-razza, l-etniċità, ir-reliġjon, id-diżabilità, l-orjentazzjoni sesswali jew kwalunkwe forma oħra ta' diskriminazzjoni legalment preskritta;
- (e) il-benesri soċjali, inklużi l-prevenzjoni jew it-tnaqqis tal-faqar;
- (f) għajjnuna umanitarja jew f'każ ta' diżastri;
- (g) għajjnuna fl-iżvilupp u kooperazzjoni fl-iżvilupp;
- (h) assistenza lil refuġjati jew immigranti;
- (i) il-protezzjoni u għajjnuna għal tfal, żgħażaġh jew anzjani;
- (j) assistenza lil persuni b'diżabilità jew il-protezzjoni tagħhom;
- (k) il-protezzjoni tal-annimali;
- (l) ix-xjenza, ir-riċerka u l-innovazzjoni;
- (m) l-edukazzjoni u t-taħriġ;
- (n) il-fehim Ewropew u internazzjonali;
- (o) is-saħħa, il-benesseri u l-kura medika;
- (p) il-protezzjoni tal-konsumatur;

- (q) assistenza lil persuni vulnerabbli u żvantaġġati jew il-protezzjoni tagħhom;
- (r) l-isport mhux professjonali;
- (s) appoġġ infrastrutturali għal organizzazzjonijiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku.

Artikolu 6

Komponent transfruntier

Fi żmien ir-reġistrazzjoni, il-FE għandu jkollha attivitajiet jew għan statutorju li twettaq attivitajiet f'tal-inqas żewġ Stati Membri.

Artikolu 7

Assi

1. L-assi tal-FE għandhom ikunu espressi f'euro.
2. Il-FE għandu jkollha assi ekwivalenti għal tal-inqas EUR 25 000.

Artikolu 8

Responsabbiltà

Ir-responsabbiltà tal-FE għandha tkun limitata għall-assi tagħha.

TAQSIMA 3

PERSONALITÀ ĠURIDIKA U KAPAĊITÀ LEGALI

Artikolu 9

Personalità ġuridika

Il-FE għandu jkollha personalità ġuridika fl-Istati Membri kollha.

Il-FE għandha tikseb personalità ġuridika fid-data li fiha tiddaħħal fir-reġistru skont l-Artikoli 21, 22 u 23.

Artikolu 10

Kapaċità legali

1. Il-FE għandu jkollha kapaċità legali sħiħa fl-Istati Membri kollha.

Sakemm ma tkunx ristretta mill-istatuti tagħha, il-FE għandu jkollha d-drittijiet neċessarji kollha biex twettaq l-attivitajiet tagħha, inkluż id-dritt li tipossjedi proprjetà mobbli u immobbli, li tagħti għotjiet, tiġbor fondi, tirċievi u żżomm donazzjonijiet ta' kwalunkwe tip, inklużi ishma u strumenti negozjabbli oħra, wirt u rigali in natura minn kwalunkwe sors legali anki minn pajjiżi terzi.

Fejn neċessarju għat-twettiq tal-attivitajiet tagħha, il-FE għandu jkollha d-dritt ta' stabbiliment fi kwalunkwe Stat Membru.

2. Il-FE tista' taġixxi sabiex tikseb l-iskop tagħha bi kwalunkwe mezz legali permess mill-istatuti tagħha li huwa konsistenti mal-iskop tagħha ta' benefiċċju pubbliku u li huwa konformi ma' dan ir-Regolament.
3. Sakemm ma tkunx ristretta mill-istatuti tagħha, il-FE tista' twettaq attivitajiet fi kwalunkwe pajjiż terz.

Artikolu 11

Attivitajiet ekonomiċi

1. Sakemm ma tkunx ristretta mill-istatuti tagħha, il-FE għandu jkollha l-kapaċità u tkun libera li tiegħu sehem f'kummerċ jew f'attivitajiet ekonomiċi oħrajn jekk kwalunkwe profitt jintuża esklussivament sabiex jinkiseb/jinkisbu l-iskop(ijiet) ta' benefiċċju pubbliku tagħha.
2. Attivitajiet ekonomiċi mhux relatati mal-iskop ta' benefiċċju pubbliku tal-FE huma permessi sa 10% tal-fatturat nett annwali tal-FE jekk ir-riżultati mill-attivitajiet mhux relatati jiġu ppreżentati fil-kontijiet b'mod separat.

Kapitolu II

Formazzjoni

TAQSIMA 1

METODI TA' FORMAZZJONI

Artikolu 12

Metodi ta' formazzjoni

1. Il-FE tista' tkun ifformata permezz ta' wieħed mill-metodi li ġejjin:
 - (a) dispożizzjoni testamentarja ta' kwalunkwe persuna fiżika, kif previst fl-Artikolu 13;
 - (b) att notarili jew dikjarazzjoni bil-miktub ta' kwalunkwe persuna/i fiżika/fiżiċi u/jew legali jew korp(i) pubblika/pubbliċi skont il-liġi nazzjonali applikabbli, kif speċifikat fl-Artikolu 13;
 - (c) fużjoni ta' entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku stabbiliti b'mod legali fi Stat Membru wieħed jew aktar, kif previst fl-Artikoli 14, 15 u 16;
 - (d) konverżjoni, f'FE, ta' entità nazzjonali bi skop ta' benefiċċju pubbliku stabbilita b'mod legali fi Stat Membru, kif previst fl-Artikoli 17 u 18.
2. Il-FE għandha tiġi stabbilita għal perjodu ta' żmien indefinit jew, fejn dan ikun speċifikat b'mod espliċitu fl-istatuti tagħha, għal perjodu speċifiku ta' żmien ta' mhux inqas minn sentejn.

Artikolu 13

Formazzjoni minn dispożizzjoni testamentarja, att notarili jew dikjarazzjoni bil-miktub

Tal-inqas, id-dispożizzjoni testamentarja, l-att notarili jew id-dikjarazzjoni bil-miktub għandhom:

- (a) jesprimu l-intenzjoni li jstabbilixxu l-FE;
- (b) jesprimu l-intenzjoni li jagħmlu donazzjoni lill-FE;
- (c) jiddeterminaw l-assi inizjali tal-FE;
- (d) jiddeterminaw l-iskop ta' benefiċċju pubbliku tal-FE.

Artikolu 14

Formazzjoni permezz ta' fużjoni

1. Il-FE tista' tinħoloq permezz ta' fużjoni bejn entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku legalment stabbiliti fi Stat Membru wieħed jew aktar jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) il-fużjoni bejn entitajiet nazzjonali bi skop ta' benefiċċju pubbliku hija permessa mil-liġi nazzjonali applikabbli;
 - (b) il-fużjoni hija permessa taħt l-istatuti ta' kull waħda mill-entitajiet li se tiġi fuża.
2. Il-bord ta' tmexxija ta' kull waħda mill-entitajiet li se jiġu fużi għandu jiddeċiedi dwar il-fużjoni. Id-deċiżjoni għandha tissodisfa r-rekwiżiti tal-kworum u tal-maġġoranza li jkunu japplikaw għal entità nazzjonali bi skop ta' benefiċċju pubbliku li tixtieq tiġi fuża ma' entità nazzjonali oħra bi skop ta' benefiċċju pubbliku, jew, fin-nuqqas ta' dawn ir-regoli, ir-rekwiżiti li jkunu japplikaw għal entità nazzjonali bi skop ta' benefiċċju pubbliku li tkun tixtieq temenda l-istatuti tagħha.
3. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 16, fużjoni bejn entitajiet ta' benefiċċju pubbliku legalment stabbiliti fl-istess Stat Membru għandha sseħħ skont il-liġi nazzjonali applikabbli.

Fużjoni bejn entitajiet ta' benefiċċju pubbliku stabbiliti fi Stati Membri differenti għandha sseħħ b'konformità mal-Artikolu 15.

Artikolu 15

Talba għal fużjoni transfruntier

1. Għandha tiġi sottomessa talba dettaljata għal fużjoni deċiża mill-bords ta' tmexxija skont l-Artikolu 14(2) minn kull waħda mill-entitajiet li sejrin jiġu fużi lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn kull waħda mill-entitajiet hija legalment stabbilita, u, fejn applikabbli, ippubblikata skont ir-regoli ta' dak l-Istat Membru.
2. It-talba għal fużjoni għandha tinkludi d-deċiżjoni tal-bord ta' tmexxija msemmi fl-Artikolu 14(2) u l-abbozz ta' termini komuni tal-fużjoni li tal-inqas ikun fih dawn id-dettalji:
 - (c) l-isem u l-indirizz ta' kull entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku li sejra tiġi fuża;
 - (d) l-isem u l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat propost għall-FE;
 - (e) l-istatuti proposti tal-FE;
 - (f) il-forom ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-kredituri u tal-impjegati tal-entitajiet li se jiġu fużi.

3. Kull awtorità kompetenti għandha tittratta t-talba għal fużjoni skont l-istess proċeduri u prinċipji daqslikieku din kienet talba għal fużjoni li tirriżulta f'entità nazzjonali bi skop ta' benefiċċju pubbliku.
4. F'kull Stat Membru konċernat, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ, mingħajr dewmien żejjed, ċertifikat ta' tlestija tal-atti u l-formalitajiet ta' qabel il-fużjoni.
5. Wara r-reġistrazzjoni tal-FE skont l-Artikoli 21, 22 u 23, ir-reġistru għandu jinnotifika, mingħajr dewmien, lill-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 u fejn applikabbli, lill-awtorità responsabbli mir-reġistrazzjoni tal-entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku xolti mill-fużjoni.

It-tneħħija tar-reġistrazzjoni l-qadima, fejn applikabbli, għandha ssir mingħajr dewmien iżda mhux qabel il-wasla tan-notifika.

Artikolu 16

Konsegwenzi tal-fużjoni

1. F'każ ta' fużjoni peremzz ta' formazzjoni ta' persuna ġuridika ġdida, l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha ta' kull entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku għandhom jiġu trasferiti lill-FE l-ġdida, u l-entitajiet li sejrjn jiġu fużi ma għandhomx jibqgħu jeżistu.
2. F'każ ta' fużjoni minn assorbiment, l-assi u l-obbligazzjonijiet kollha tal-entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku li tkun qed tiġi assorbita għandhom jiġu trasferiti lill-entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku li tkun qed tassorbi, u l-entità li tkun qed tiġi assorbita ma tibqax teżisti u l-persuna ġuridika li tkun qed tassorbi għandha ssir il-FE.

Artikolu 17

Formazzjoni permezz ta' konverżjoni

1. Il-FE tista' tiġi ffurmata permezz ta' konverżjoni ta' entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku stabbilita legalment fi Stat Membru, jekk dan huwa permess taħt l-istatuti tal-entità li tkun tiġi kkonvertita.
2. Il-bord ta' tmexxija tal-entità għandu jiddeċiedi dwar il-konverżjoni f'FE u l-emendi neċessarji fl-istatuti.
3. Il-formazzjoni tal-FE permezz ta' konverżjoni ma għandux iwassal għall-istralċ tal-entità ta' benefiċċju pubbliku li tkun qed tiġi konvertita jew kwalunkwe telf jew interruzzjoni tal-personalità ġuridika tagħha jew jaffettaw kwalunkwe dritt jew obbligu eżistenti qabel il-konverżjoni.

Artikolu 18

Talba għal konverżjoni

1. Talba dettaljata għal konverżjoni deċiża mill-bord ta' tmexxija skont l-Artikolu 17(2) għandha tiġi sottomessa lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn l-entità hija legalment stabbilita, u, fejn applikabbli, ippubblikata skont ir-regoli ta' dak l-Istat Membru.
2. It-talba għal konverżjoni għandha tinkludi d-deċiżjoni tal-bord ta' tmexxija msemmi fl-Artikolu 17(2) u l-abbozz ta' termini ta' konverżjoni li tal-inqas ikun fihom id-dettalji li ġejjin:
 - (a) l-isem u l-indirizz tal-entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku li tkun qiegħda tiġi konvertita;
 - (b) l-isem u l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat propost għall-FE;
 - (c) l-istatuti proposti tal-FE;
 - (d) il-forom ta' protezzjoni tad-drittijiet tal-kredituri u tal-impjegati tal-entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku li tkun qed tiġi konvertita.
3. L-awtorità kompetenti għandha tittratta t-talba għal konverżjoni b'konformità mal-istess proċeduri u prinċipji daqslikienu din kienet talba għal emendar tal-istatuti tal-entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku.
4. Mingħajr dewmien żejjed, l-awtorità kompetenti għandha toħroġ ċertifikat ta' tlestija tal-atti u l-formalitajiet ta' qabel il-konverżjoni.
5. Wara r-reġistrazzjoni tal-FE skont l-Artikolu 21, 22 u 23, ir-reġistru għandu jinnotifika, mingħajr dewmien, lill-awtorità kompetenti msemmija fil-paragrafu 1 u fejn applikabbli, lill-awtorità responsabbli mir-reġistrazzjoni tal-entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku li tkun qed tiġi konvertita.

It-tneħħija tar-reġistrazzjoni l-qadima, fejn applikabbli, għandha ssir mingħajr dewmien iżda mhux qabel il-wasla tan-notifika.

TAQSIMA 2

STATUTI

Artikolu 19

Kontenut minimu tal-Istatuti

1. Tal-inqas, l-istatuti tal-FE għandhom jinkludu:

- (a) l-ismijiet tal-fundaturi
 - (b) l-isem tal-FE
 - (c) l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat
 - (d) deskrizzjoni tal-skopijiet ta' benefiċċju pubbliku tagħha
 - (e) l-assi fi żmien il-formazzjoni
 - (f) is-sena finanzjarja tal-FE
 - (g) l-għadd ta' membri tal-bord ta' tmexxija
 - (h) regoli dwar il-ħatra u s-sensja tal-bord ta' tmexxija
 - (i) il-korpi tal-FE għajr il-bord ta' tmexxija u l-funzjonijiet tagħhom, fejn applikabbli
 - (j) il-proċedura għall-emendar tal-istatuti
 - (k) il-perjodu speċifikat għall-eżistentza tal-FE, jekk din mhijiex stabbilita għal perjodu ta' żmien indefinit
 - (l) id-distribuzzjoni tal-assi netti wara l-istralċ
 - (m) id-data li fiha ġew adottati l-istatuti
2. L-istatuti tal-FE għandhom isiru bil-miktub u għandhom ikunu soġġetti għar-rekwiżiti formali tal-liġi nazzjonali applikabbli.

Artikolu 20

Emendar tal-istatuti

1. Fejn l-istatuti eżistenti ma jibqgħux adatti għall-funzjonament tal-FE, il-bord ta' tmexxija jista' jiddeċiedi dwar l-emendar tal-istatuti.
2. L-iskop tal-FE jista' jinbidel biss jekk l-iskop attwali jkun inkiseb jew jekk ma jistax jinkiseb jew fejn l-iskop(ijiet) attwali waqaf/waqfu b'mod ċar milli jipprovdu metodu xieraq u effettiv għall-użu tal-assi tal-FE.
3. Kull emenda tal-istatuti, safejn din tkun taffettwa l-iskop tal-FE, għandha tkun konsistenti mar-rieda tal-fundatur.
4. B'unanimità, il-bord ta' tmexxija għandu jadotta kwalunkwe bidla fl-iskop tal-FE u jissottomettiha lill-awtorità superviżorja sabiex tiġi approvata.

TAQSIMA 3

REĠISTRAZZJONI

Artikolu 21

Reġistrazzjoni

1. Il-FE għandha tiġi reġistrata fi Stat Membru wieħed.
2. Il-FE fformata minn fużjoni bejn żewġ entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku stabbiliti legalment fl-istess Stat Membru għandha tiġi reġistrata f'dak l-Istat Membru.
3. Il-FE fformata permezz ta' fużjoni transfruntier għandha tiġi reġistrata f'wieħed mill-Istati Membri fejn l-entitajiet li qed jiġu fużi kienu legalment stabbiliti.
4. Il-FE fformata permezz ta' konverżjoni għandha tiġi reġistrata fl-Istat Membru fejn oriġinarjament l-entità li ġiet konvertita kienet stabbilita legalment.

Artikolu 22

Reġistru

1. Kull Stat Membru għandu jagħżel reġistri għall-finijiet ta' reġistrazzjoni tal-FE u jinnotifika lill-Kummissjoni dwar dan.
2. Ir-reġistri magħżula skont il-paragrafu 1 għandhom ikunu responsabbli mill-ħażna tal-informazzjoni dwar il-FEs reġistrati.

Ir-reġistri għandhom jikkooperaw flimkien fir-rigward tad-dokumenti, l-informazzjoni u d-dettalji li jikkonċernaw il-FEs.
3. Sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, ir-reġistri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-isem, l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat, in-numru tar-reġistrazzjoni u s-settur tal-attività tal-FE reġistrata fir-reġistru jew imneħħija minnu fis-sena kalendarja ta' qabel kif ukoll bl-għadd totali ta' FEs reġistrati sal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel.

Artikolu 23

Formalitajiet relatati mar-reġistrazzjoni

1. L-applikazzjonijiet għal reġistrazzjoni bħala FE għandhom ikunu akkumpanjati mid-dokumenti u d-dettalji li ġejjin fil-lingwa meħtieġa mil-liġi nazzjonali applikabbli:

- (a) isem il-FE u l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat previst tagħha fl-Unjoni Ewropea;
- (b) id-dokumenti tal-fondazzjoni
- (c) dikjarazzjoni ffirmata tal-assi li għandhom jiġu mwarrba għall-finijiet tal-FE jew provi oħra tal-ħlas ta' korrispettiv fi flus jew tal-provvediment ta' korrispettiv in natura, u d-dettalji dwar dawn
- (d) l-istatuti tal-FE
- (e) l-ismijiet u l-indirizzi, u kwalunkwe informazzjoni oħra neċessarja, b'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli, għall-identifikazzjoni ta'
 - (i) il-membri kollha tal-bord ta' tmexxija, u s-supplenti tagħhom, jekk ikun hemm,
 - (ii) kwalunkwe persuna oħra li hija awtorizzata li tirrappreżenta l-FE f'negozjati ma' partijiet terzi u fi proċeduri legali,
 - (iii) l-awditur(i) tal-FE;
- (f) jekk il-persuni fil-punti (i) u (ii) tal-punt (e) jirrappreżentawx il-FE b'mod individwali jew konġunt
- (g) l-ismijiet, l-iskopijiet u l-uffiċċji reġistrati tal-organizzazzjonijiet fundaturi fejn dawn huma entitajiet ġuridiċi, jew informazzjoni rilevanti simili fir-rigward ta' korpi pubbliċi
- (h) l-isemijiet u l-indirizzi ta' uffiċċji tal-FE, jekk ikun hemm u l-informazzjoni neċessarja sabiex jiġi identifikat ir-reġistru kompetenti u n-numru tal-entrata;
- (i) fejn il-FE ġiet ifformata bħala riżultat ta' fużjoni, id-dokumenti li ġejjin
 - (i) it-termini tal-fużjoni,
 - (ii) iċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 15(4), maħruġa inqas minn sitt xhur qabel id-data ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni;
 - (iii) prova li kien hemm konformità mar-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali applikabbli fir-rigward tal-protezzjoni tal-kredituri u l-impjegati;
- (j) fejn il-FE ġiet ifformata bħala riżultat ta' konverżjoni, id-dokument li ġejjin
 - (i) it-termini tal-konverżjoni;
 - (ii) iċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 18(4), maħruġ inqas minn sitt xhur qabel id-data ta' sottomissjoni tal-applikazzjoni;
 - (iii) prova li kien hemm konformità mar-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali applikabbli fir-rigward tal-protezzjoni tal-impjegati;
- (k) ċertifikat mill-uffiċċju tal-kondotti u dikjarazzjoni tal-membri tal-bord ta' tmexxija li dawn ma ġewx skwalifikati milli jservu bħala membri tal-bord.

L-Istati Membri ma għandhom jeħtieġu l-ebda dokumenti jew dettalji oħra għar-reġistrazzjoni.

Ir-reġistru jew, fejn applikabbli, awtorità kompetenti oħra għandhom jivverifikaw il-konformità tad-dokumenti u d-dettalji mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament u mal-liġi nazzjonali applikabbli.

2. Ir-reġistru jew, fejn applikabbli, kwalunkwe awtorità kompetenti oħra, għandhom jivverifikaw jekk l-applikant jikkonformax mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.
3. Ir-reġistru għandu jirreġistra lill-FE meta din tkun issottomettiet id-dokumenti u d-dettalji kollha msemmija fil-paragrafu 1 u meta din tikkonforma mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament fi żmien tnax-il ġimgħa mid-data tal-applikazzjoni.

Ma għandha tkun meħtieġa l-ebda awtorizzazzjoni ulterjuri mill-Istat Membru wara r-reġistrazzjoni.

4. Għandha tiġi divulgata d-deċiżjoni tar-reġistru flimkien mal-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (d) sa (h) tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 24

Bidliet fid-dokumenti u d-dettalji sottomessi għar-reġistrazzjoni

1. Il-bord ta' tmexxija jew kwalunkwe persuna oħra awtorizzata li tirrappreżenta lill-FE għandhom jissottomettu kwalunkwe bidla fir-rigward tad-dokumenti jew tad-dettalji msemmija fl-Artikolu 23(1) lir-reġistru fi żmien 14-il ġurnata kalendarja mill-ġurnata li fiha sseħħ il-bidla.
2. Wara kull emenda fl-istatuti, il-FE għandha tissottometti t-test sħiħ tal-istatuti aġġornat bl-emendi kollha lir-reġistru. Kwalunkwe sottomissjoni ta' bidla fl-informazzjoni reġistrata għandha tkun akkumpanjata minn provi dokumentati li d-deċiżjoni għall-bidla ttieħdet b'mod legali.
3. Għandha tiġi divulgata r-reġistrazzjoni tal-bidliet fir-rigward tad-dokumenti u d-dettalji msemmija fl-Artikolu 23(4).

Artikolu 25

Isem il-FE

1. Isem il-FE għandu jinkludi l-abbrevjazzjoni 'FE'.
2. Il-FE biss tista' tuża l-abbrevjazzjoni 'FE' f'isimha.

Madankollu, entitajiet li isimhom jinkludi 'FE' jew li huma segwiti mill-abbrevjazzjoni 'FE' u li kienu reġistrati fi Stat Membru qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament ma għandhomx ikunu meħtieġa jibdlu isimhom jew dik l-abbrevjazzjoni.

Artikolu 26

Responsabbiltà għall-atti mwettqa qabel ir-reġistrazzjoni tal-FE

Ir-responsabbiltà għall-atti mwettqa qabel ir-reġistrazzjoni tal-FE għandha tkun regolata mill-liġi nazzjonali applikabbli.

Kapitolu III

Organizzazzjoni tal-FE

Artikolu 27

Bord ta' tmexxija

1. Il-FE għandha tkun regolata minn bord ta' tmexxija kompost minn għadd farrad ta' mill-inqas tliet membri kif stabbilit fl-istatuti tal-FE.
2. Kull membru tal-bord għandu jkollu vot wieħed meta jivvota dwar ir-risoluzzjonijiet.
3. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fl-istatuti tal-FE jew f'dan ir-Regolament, il-bord għandu jiddeċiedi skont il-maġġoranza tal-membri tiegħu.

Artikolu 28

Membri tal-bord ta' tmexxija

1. Il-membri tal-bord ta' tmexxija għandu jkollhom kapaċità legali sħiħa u ma għandhomx ikunu skwalifikati skont il-liġijiet ta' kwalunkwe Stat Membru jew skont deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva fi kwalunkwe Stat Membru milli jservu bħala membri tal-bord.
2. Membri tal-bord ta' tmexxija jistgħu jirriżenjaw fi kwalunkwe ħin.

Membru tal-bord ta' tmexxija għandu jirreżenja f'kull waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:

- (a) il-membru ma jissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1;
- (b) il-membru ma jissodisfax ir-rekwiżiti ta' ammissjoni stabbiliti fid-dokumenti tal-fondazzjoni jew fl-istatuti tal-FE;
- (c) il-membru jinstab ħati b'kondotta finanzjarja skorretta minn qorti;
- (d) intwera biċ-ċar li l-membru, permezz tal-atti u l-ommissjonijiet tiegħu, mhuwiex adatt sabiex iwettaq id-dmirijiet tiegħu bħala membru tal-bord.

3. Fejn l-istatuti tal-FE jipprovdu hekk, il-bord ta' tmexxija jew il-bord superviżorju jista' jneħħi membru ta' dak il-bord ta' tmexxija għar-raġunijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2.

L-awtorità superviżorja tista' tagħti s-sensja lil membru tal-bord ta' tmexxija għar-raġunijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 jew, fejn dan ikun speċifikat fil-liġi nazzjonali applikabbli, tipproponi s-sensja quddiem qorti kompetenti

Artikolu 29

Dmirijiet tal-bord ta' tmexxija u tal-membri tiegħu

1. Il-bord ta' tmexxija għandu jkollu d-dmirijiet li ġejjin:
 - (a) jieħu r-responsabbiltà għall-amministrazzjoni, il-ġestjoni u l-kondotta xierqa tal-attivitajiet tal-FE;
 - (b) jiżgura konformità mal-istatuti tal-FE, ma' dan ir-Regolament u mal-liġi nazzjonali applikabbli;
2. Il-membri tal-bord ta' tmexxija għandhom jaġixxu fl-aqwa interess tal-FE u tal-iskop ta' benefiċċju pubbliku tagħha u għandhom josservaw id-dmir ta' lealtà fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tagħhom.

Artikolu 30

Diretturi maniġerjali

1. Il-bord ta' tmexxija jista' jinnomina direttur maniġerjali wieħed jew aktar sabiex dawn ikunu responsabbli mill-ġestjoni ta' kuljum tal-FE, soġġetti għad-direzzjonijiet tagħha.

Il-president u l-maġġoranza tal-membri tal-bord ta' tmexxija ma għandhomx ikunu diretturi maniġerjali fl-istess waqt.
2. Id-diretturi maniġerjali għandhom jaġixxu fl-aqwa interess tal-FE u tal-iskop ta' benefiċċju pubbliku tagħha u josservaw id-dmir ta' lealtà fl-eżerċizzju tar-responsabbiltajiet tagħhom.

Artikolu 31

Korpi oħra tal-FE

L-istatuti tal-FE jistgħu jipprovdu għal bord superviżorju u għal korpi oħra.

Artikolu 32

Kunflitti ta' interess

1. Il-fundatur u kwalunkwe membru ieħor tal-bord li jista' jkollhom relazzjoni kummerċjali, familjari jew relazzjoni oħra mal-fundatur jew bejniethom, li tkun tista' toħloq kunflitt ta' interess potenzjali jew attwali bħal pereżempju jekk ixekklu l-abbiltà tiegħu/tagħha ta' ġudizzju, ma għandhomx jikkostitwixxu l-maġġoranza tal-bord ta' tmexxija.
2. L-ebda persuna ma tista' tkun kemm membru tal-bord ta' tmexxija kif ukoll membru tal-bord superviżorju fl-istess ħin.
3. L-ebda benefiċċju, dirett jew indirett, ma jista' jitqassam lil kwalunkwe fundatur, lil membri tal-bord ta' tmexxija jew superviżorju, lil direttur maniġerjali jew awditur, u lanqas ma jista' jiġi estiż għal xi persuna li jkollha relazzjoni kummerċjali jew familjari mill-viċin magħhom, sakemm dan ma jkunx għat-twettiq tad-dmirijiet tagħhom fi ħdan il-FE.

Artikolu 33

Rappreżentazzjoni tal-FE fir-rigward ta' partijiet terzi

Il-bord ta' tmexxija, kif ukoll kwalunkwe persuna oħra li l-bord ta' tmexxija awtorizza u li hija taħt l-istruzzjonijiet tiegħu, jistgħu jirrappreżentaw lill-FE fir-relazzjonijiet ma' partijiet terzi u fi proċeduri legali.

Artikolu 34

Trasparenza u responsabbiltà

1. Il-FE għandha żżomm rekords sħaħ u preċiżi tat-transazzjonijiet finanzjarji kollha.
2. Il-FE għandha tfassal u tgħaddi l-kontijiet annwali u rapport tal-attività annwali fi żmien sitt xhur minn tmiem is-sena finanzjarja lir-reġistru nazzjonali kompetenti u lill-awtorità superviżorja.

L-ewwel perjodu ta' rappurtar għandu jkun mid-data li fiha l-FE tiddaħħal fir-reġistru skont l-Artikoli 21, 22 u 23 sal-aħħar jum tas-sena finanzjarja stipulata fl-istatuti tal-FE.
3. Tal-inqas, ir-rapport ta' attività annwali għandu jkun fih:
 - (a) informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-FE;
 - (b) deskrizzjoni tal-mod kif ġew promossi, matul sena finanzjarja partikolari, l-iskopijiet ta' benefiċċju pubbliku li għalihom ġiet stabbilita il-FE;

- (c) lista tal-għotjiet imqassma, li jqisu d-dritt ta' privatezza tal-benefiċjarji.
4. Il-kontijiet annwali tal-FE għandhom jiġu awditjati minn persuna waħda jew aktar approvata/i sabiex twettaq/iwettqu awditjar statutorju skont ir-regoli nazzjonali adottati skont id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
 5. Għandhom jiġu divulgati l-kontijiet annwali, approvati mill-bord ta' tmexxija, flimkien mal-opinjoni sottomessa mill-persuna responsabbli mill-awditjar tal-kontijiet, u r-rapport tal-attività.

Kapitolu IV

Uffiċċju reġistrazzjoni u t-trasferiment tiegħu

Artikolu 35

Sede tal-FE

Il-FE għandu jkollha l-uffiċċju reġistrazzjoni tagħha u l-amministrazzjoni ċentrali jew il-post ta' attività prinċipali tal-attivitàjiet fl-Unjoni Ewropea.

Artikolu 36

Trasferiment tal-uffiċċju reġistrazzjoni

1. Il-FE tista' tittrasferixxi l-uffiċċju reġistrazzjoni tagħha minn Stat Membru għal ieħor.
Dan it-trasferiment ma għandux jirriżulta fl-istralċ tal-FE jew fil-ħolqien ta' entità legali ġdida u lanqas ma għandu jaffettwa xi dritt jew obbligu li eżista qabel it-trasferiment.
2. It-trasferiment għandu jidħol fis-seħħ fid-data ta' reġistrazzjoni tal-FE fl-Istat Membru ospitanti.
3. Il-FE ma għandhiex tittrasferixxi l-uffiċċju reġistrazzjoni tagħha fejn hija s-suġġett tal-użu tas-setgħat superviżorji stabbiliti fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 46(2), meta hija f'xoljiment skont l-Artikolu 40, jew jekk il-proċeduri għall-istralċ, l-insolvenza jew proċeduri simili tressqu kontriha jew fejn it-trasferiment imur kontra l-istatuti tal-FE jew fejn dan ikun qed jipperikola t-tweqqif tal-għanijiet tal-FE.
4. Għandhom jiġu divulgati r-reġistrazzjoni fl-Istat Membru ospitanti u t-tneħħija mir-reġistru fl-Istat Membru tad-domiċilju.

Artikolu 37

Proċedura ta' trasferiment

1. Il-bord ta' tmexxija tal-FE għandu jissottometti proposta għal trasferiment lill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju.
2. Tal-inqas, il-proposta għal trasferiment għandha tinkludi d-dettalji li ġejjin:
 - (a) isem il-FE, l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat tagħha fl-Istat Membru tad-domiċilju, l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġi identifikat ir-reġistru msemmi fl-Artikolu 22(1) u n-numru tal-FE f'dak ir-reġistru;
 - (b) l-isem propost tal-FE u l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat previst fl-Istat Membru ospitanti;
 - (c) l-istatuti emendati tal-FE, fejn dawn ikunu applikabbli;
 - (d) l-iskeda proposta għat-trasferiment;
 - (e) rapport li jispjega u li jsostni l-aspetti legali u ekonomiċi tat-trasferiment propost u li jispjega l-implikazzjonijiet tat-trasferiment għall-kredituri u l-impjegati tal-FE.
3. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandha tivverifika li ma jeżistux is-sitwazzjonijiet elenkati fl-Artikolu 36(3) u tohrōg, mingħajr dewmien żejjed, ċertifikat li jikkonferma t-tlestija tal-atti u l-formalitajiet li għandhom jitwettqu qabel it-trasferiment.
4. Il-FE għandha tissottometti d-dokumenti u d-dettalji li ġejjin lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru ospitanti:
 - (a) iċ-ċertifikat imsemmi fil-paragrafu 3;
 - (b) il-proposta għal trasferiment approvata mill-bord ta' tmexxija;
 - (c) id-dokumenti u d-dettalji elenkati fl-Artikolu 23(1).
5. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tivverifika, mingħajr dewmien żejjed, li l-kundizzjonijiet formali previsti f'dan il-Kapitolu għat-trasferiment tal-uffiċċju reġistrat huma ssodisfati u tikkomunika d-deċiżjoni tagħha lir-reġistru kompetenti tal-Istat Membru ospitanti.

L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti tista' tirrifjuta t-trasferiment fil-każ biss li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subparagrafu preċedenti ma jkunux issodisfati.
6. Ir-reġistru kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandu jirreġistra l-FE. L-awtorità kompetenti tal-Istat Membru ospitanti għandha tinnotifika, mingħajr dewmien, lir-reġistru kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju bir-reġistrazzjoni tal-FE fl-Istat Membru ospitanti.

Ir-reġistru kompetenti tal-Istat Membru tad-domiċilju għandu jneħħi lill-FE mir-reġistru mingħajr dewmien iżda mhux qabel ir-riċevuta tan-notifika.

Kapitolu V

Involviment tal-impjegati u tal-voluntiera

Artikolu 38

Rappreżentazzjoni tal-impjegati u l-voluntiera

1. Fejn in-numru totali ta' impjegati mħaddma fi ħdan l-Unjoni mill-FE u l-uffiċċji tagħha jilħaq jew jaqbeż il-50 ruħ u tal-inqas 10 impjegati f'minn tal-inqas żewġ Stati Membri, il-FE għandha tistabbilixxi Kunsill Ewropew tax-Xogħol li jirrappreżenta lill-impjegati tal-FE skont il-paragrafu 2.
2. Il-FE li timpjega sa 200 ruħ għandha tistabbilixxi Kunsill Ewropew tax-Xogħol fuq it-talba ta' mill-inqas 20 ruħ minn fost l-impjegati tagħha f'mill-inqas żewġ Stati Membri jew rappreżentanti ta' dawk l-impjegati.

Il-FE li timpjega sa 200 ruħ għandha tistabbilixxi Kunsill Ewropew tax-Xogħol fuq it-talba ta' mill-inqas 10% tal-impjegati tagħha f'mill-inqas żewġ Stati Membri jew ir-rappreżentanti ta' dawk l-impjegati.

Il-miżuri nazzjonali dwar ir-rekwiżiti sussidjarji stipulati fil-punti (a) sa (e) tal-Part 1 tal-Anness I għad-Direttiva 2009/38/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill għandhom japplikaw għall-istabbiliment tal-Kunsill Ewropew tax-Xogħol.

3. Rappreżentanti tal-voluntiera li jwettqu attivitajiet ta' volontarjat formali fl-FE għal perjodu twil għandhom jingħataw status ta' osservaturi fl-Kunsill Ewropew tax-Xogħol.

In-numru ta' dawn ir-rappreżentanti għandu jkun tal-inqas wieħed għal kull Stat Membru li fih ikunu preżenti tal-inqas 10 voluntiera bħal dawn.

Artikolu 39

Informazzjoni u konsultazzjoni tal-impjegati u l-voluntiera

1. L-impjegati u l-voluntiera tal-FE għandhom jiġu informati u kkonsultati fil-livell tal-Unjoni dwar is-suġġetti relatati mas-sitwazzjoni, l-evoluzzjoni, l-organizzazzjoni u l-impjegi ta' dik il-FE permezz tal-Kunsill Ewropew tax-Xogħol stabbilit skont l-Artikolu 38.

2. Il-Kunsill Ewropew tax-Xogħol u l-bord ta' tmexxija jew, fejn applikabbi, id-diretturi maniġerjali tal-FE jistgħu jilhqg ftehim fuq arranġamenti prattiċi għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati fl-FE.
3. Fejn ma jintlaħaq l-ebda ftehim bħal dan jew għal kwistjonijiet li mhumiex koperti minn ftehim bħal dan, għandhom japplikaw il-miżuri nazzjonali dwar ir-reqwiziti sussidjarji stabbiliti fil-punti 2-6 tal-Anness I għad-Direttiva 2009/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Kapitolu VI

Xoljiment tal-FE

Artikolu 40

Metodi ta' xoljiment

Il-FE tista' tkun ifformata permezz ta' wieħed mill-metodi li ġejjin:

- (a) konverżjoni tal-FE f'entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku taħt il-liġi nazzjonali, kif speċifikat fl-Artikolu 41 u 42;
- (b) stralċ tal-FE, kif speċifikat fl-Artikolu 43 u 44.

Artikolu 41

Xoljiment permezz ta' konverżjoni

1. Il-FE tista' tiġi konvertita f'entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku rregolata mil-liġi tal-Istat Membru li fih għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha, jekk il-konverżjoni hija permessa skont l-istatuti tal-FE.
Il-konverżjoni tista' sseħħ biss wara li jgħaddu sentejn mir-reġistrazzjoni tal-FE.
2. Il-bord ta' tmexxija tal-FE għandu jiddeċiedi dwar il-konverżjoni u l-emendi neċessarji għall-istatuti.
3. Il-konverżjoni ma għandhiex tirriżulta fi stralċ tal-entità jew fil-ħolqien ta' persuna ġuridika ġdida u lanqas ma għandha taffettwa xi dritt jew obbligu eżistenti qabel il-konverżjoni.

Artikolu 42

Talba għal xoljiment permezz ta' konverżjoni

1. Il-FE għandha tissottometti talba dettaljata għal xoljiment permezz ta' konverżjoni lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru fejn għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha b'konformità mal-liġi ta' dak l-Istat Membru.
2. It-talba għax-xoljiment permezz ta' konverżjoni għandha tinkludi d-deċiżjoni tal-bord tat-tmexxija tal-FE msemmi fl-Artikolu 41(2), l-isem u l-indirizz tal-uffiċċju reġistrat tal-FE li ser tikkonverti, l-isem previst, l-indirizz u l-istatuti tal-entità l-ġdid bi skop ta' benefiċċju pubbliku, u l-forom ta' protezzjoni tal-impjegati tal-FE li se tikkonverti.
3. Fejn l-awtorità kompetenti tapprova t-talba għal xoljiment permezz ta' konverżjoni, din għandha tgħaddi l-approvazzjoni lir-reġistru u, fejn applikabbli, lill-awtorità responsabbli mir-reġistrazzjoni tal-entità l-ġdida bi skop ta' benefiċċju pubbliku.
4. Hekk kif tirċievi t-talba approvata għal xoljiment permezz ta' konverżjoni, ir-reġistru għandu jneħħi lill-FE mir-reġistru mingħajr dewmien, jekk ikun tlesta l-istabbiliment legali tal-entità l-ġdida ta' benefiċċju pubbliku.
5. Il-konverżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-FE titħassar mir-reġistru kompetenti.

Il-konverżjoni għandha tiġi divulgata.

Artikolu 43

Deċiżjoni ta' stralċ

1. Il-bord ta' tmexxija tal-FE jista' jiddeċiedi li jagħmel stralċ tal-FE f'wieħed mill-każijiet li ġejjin:
 - (a) l-għan tal-FE nkiseb jew ma jistax jinkiseb;
 - (b) skada ż-żmien li għalih kienet stabbilita il-FE;
 - (c) l-FE tilfet l-assi kollha tagħha.Il-bord ta' tmexxija għandu jissottometti d-deċiżjoni tiegħu ta' stralċ tal-FE lill-awtorità superviżorja sabiex tiġi approvata.
2. Wara li tkun semgħet lill-bord ta' tmexxija tal-FE, l-awtorità superviżorja tista' tiddeċiedi li tagħmel stralċ tal-FE jew, fejn dan ikun permissibbli skont il-liġi nazzjonali applikabbli, li ttipponi l-istralċ tal-FE quddiem qorti kompetenti f'waħda mis-sitwazzjonijiet li ġejjin:
 - (a) fejn il-bord ta' tmexxija ma aġixxiex fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1;

- (b) fejn b'mod ripetut il-FE tikser l-istatuti tagħha, dan ir-Regolament jew il-liġi nazzjonali applikabbli.

Artikolu 44

Stralċ

1. Fejn l-awtorità superviżorja approvat id-deċiżjoni tal-bord ta' tmexxija skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 43(1) jew fejn l-awtorità superviżorja jew, fejn applikabbli, qorti ddeċidiet li tagħmel stralċ tal-FE, l-assi tal-FE għandhom jintużaw skont il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.
2. Ladarba l-kredituri tal-FE jkunu tħallsu kompletament, kwalunkwe assi li jifdal tal-FE għandhom jiġu ttrasferiti lil entità oħra bi skop ta' benefiċċju pubbliku simili jew inkella jintużaw għal skopijiet ta' benefiċċju pubbliku li huma simili kemm jista' jkun għal dawk li għalihom inħolqot il-FE.
3. Il-kontijiet finali sad-data li fiha jidħol fis-seħħ ix-xoljiment għandhom jintbagħatu lill-awtorità superviżorja mill-bord ta' tmexxija jew mil-likwidatur responsabbli mill-istralċ flimkien ma' rapport li jinkludi l-informazzjoni dwar it-tqassim tal-assi li jifdal. Dawn id-dokumenti għandhom jiġu divulgati.

Kapitolu VII

Stat Membru tas-superviżjoni

Artikolu 45

Awtorità superviżorja

Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità superviżorja għall-finijiet ta' superviżjoni tal-FEs reġistrati f'dak l-Istat Membru u jinnotifika lill-Kummissjoni dwar dan.

Artikolu 46

Setgħat u dmirijiet tal-awtorità superviżorja

1. L-awtorità superviżorja għandha tiżgura li l-bord ta' tmexxija jaġixxi b'konformità mal-istatuti tal-FE, ma' dan ir-Regolament u mal-liġi nazzjonali applikabbli.
2. L-awtorità superviżorja għandu jkollha s-setgħa li tapprova l-bidla fl-iskop tal-FE skont l-Artikolu 20(4) u l-istralċ tal-FE skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 43(1).

Għall-finijiet tal-paragrafu 1, tal-inqas, l-awtorità superviżorja għandu jkollha s-setgħat li ġejjin:

- (a) fejn l-awtorità superviżorja jkollha raġunijiet validi għalfejn taħseb li l-bord ta' tmexxija tal-FE mhuwiex jaġixxi f'konformità mal-istatuti tal-FE, ma' dan ir-Regolament jew mal-liġi nazzjonali applikabbli, li tinvestiga fl-affarijiet ta' dik il-FE u, għal dak il-għan, li tobbliga lid-diretturi u lill-impjegati tal-FE kif ukoll lill-awdituri tagħha sabiex iqiegħdu għad-dispożizzjoni l-informazzjoni u l-provi kollha;
 - (b) fejn hemm provi ta' kondotta finanzjarja skorretta, ġestjoni skorretta jew abbuż serji, li taħtar espert indipendenti sabiex jinvestiga fl-affarijiet tal-FE bl-ispejjeż jitħallsu mill-FE;
 - (c) fejn hemm provi li l-bord ta' tmexxija ma aġixxiex b'konformità mal-istatuti tal-FE, ma' dan ir-Regolament jew mal-liġi nazzjonali applikabbli, li toħroġ twissijiet għall-bord ta' tmexxija u li tordna lill-bord ta' tmexxija sabiex jikkonforma mal-istatuti tal-FE, ma' dan ir-Regolament u mal-liġi nazzjonali applikabbli;
 - (d) li tagħti s-sensja lil membru tal-bord ta' tmexxija jew, fejn dan ikun permiss fil-liġi nazzjonali applikabbli, li tipproponi s-sensja quddiem qorti kompetenti b'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 28 (3);
 - (e) li tiddeċiedi li tagħmel stralċ tal-FE jew, fejn dan ikun permiss fil-liġi nazzjonali applikabbli, li tipproponi l-istralċ tal-FE quddiem qorti kompetenti b'konformità mal-Artikolu 43(2).
3. Minkejja l-paragrafu 2, l-awtorità superviżorja ma għandu jkollha l-ebda setgħa li taġixxi fl-amministrazzjoni tal-FE.

Artikolu 47

Kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet superviżorji

1. Sabiex teżerċita s-setgħat superviżorji u tiegħu l-passi neċessarji speċifikati fl-Artikolu 46, għandu jkun hemm kooperazzjoni bejn l-awtorità superviżorja tal-Istat Membru fejn il-FE għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha u l-awtoritajiet superviżorji tal-Istat Membru fejn il-FE twettaq l-attivitajiet tagħha.
2. L-awtoritajiet superviżorji għandhom jipprovdu lil xulxin bl-informazzjoni relevanti kollha fil-każ ta' ksur jew ta' suspett ta' ksur mill-FE tal-istatuti tagħha, ta' dan ir-Regolament jew tal-liġi nazzjonali applikabbli.
3. Fuq talba tal-awtorità superviżorja ta' Stat Membru fejn il-FE twettaq l-attivitajiet tagħha, l-awtorità superviżorja tal-Istat Membru fejn il-FE għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha għandha tinvestiga s-suspetti ta' ksur minn dik il-FE.

L-awtorità superviżorja li tkun intalbet tinvestiga għandha tinforma lill-awtorità superviżorja li għamlet it-talba bil-konklużjonijiet li hi tislet mill-informazzjoni disponibbli għaliha u bi kwalunkwe azzjoni li ħadet.

Artikolu 48

Kooperazzjoni mal-awtoritajiet tat-taxxa

1. L-awtorità supervizzorja tal-Istat Membru fejn il-FE għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha għandha tinforma lill-awtoritajiet tat-taxxa ta' dak l-Istat Membru hekk kif tibda l-investigazzjoni ta' suspetti ta' irregolaritajiet skont il-punt (a) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 46(2) kif ukoll meta taħtar espert indipendenti skont il-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 46(2).
2. Għandha tinforma wkoll lil dawk l-awtoritajiet tat-taxxa bil-progress u l-eżitu ta' dawk l-investigazzjonijiet kif ukoll dwar kwalunkwe twissijiet maħruġa jew sanzjonijiet imposti.
3. Fuq talba tal-awtorità tat-taxxa, ir-reġistru kif ukoll l-awtorità supervizzorja tal-Istat Membru fejn il-FE għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha għandhom iqiegħdu kull dokument jew informazzjoni li jikkonċernaw FE għad-dispożizzjoni tal-awtorità tat-taxxa ta' kwalunkwe Stat Membru .

Kapitolu VIII

Trattament fiskali

Artikolu 49

Trattament fiskali tal-FE

1. Fir-rigward tat-taxxi fuq id-dħul u fuq il-qligħ kapitali, it-taxxi fuq rigali u fuq il-wirt, it-taxxi fuq il-proprjetà u l-art, it-taxxi fuq it-trasferimenti, it-taxxi ta' reġistrazzjoni, it-taxxi tal-bolla u taxxi simili, l-Istat Membru fejn il-FE għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha għandu jagħti lill-FE, l-istess trattament fiskali li huwa applikabbli għal entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku stabbiliti f'dak l-Istat Membru.
2. Fir-rigward tat-taxxi msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għajr dawk li fihom il-FE għandha l-uffiċċju reġistrat tagħha għandhom jagħtu lill-FE l-istess trattament fiskali li huwa applikabbli għal entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku stabbiliti f'dawk l-Istati Membri.
3. Għall-finijiet tal-paragrafi 1 u 2, il-FE għandha tiġi rikonoxxuta bħala ekwivalenti għal entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku stabbiliti skont il-liġi tal-Istat Membru konċernat.

Artikolu 50

Trattament fiskali ta' donaturi lill-FE

1. Kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tagħmel donazzjoni lill-FE ġewwa l-pajjiż jew b'mod transfruntier għandha tkun soġġetta, fir-rigward tat-taxxi fuq id-dħul, it-taxxi fuq ir-rigali, it-taxxi fuq it-trasferimenti, it-taxxi ta' reġistrazzjoni, it-taxxi tal-bolla u taxxi simili, għall-istess trattament fiskali li huwa applikabbli għal donazzjonijiet li jsiru lil entitajiet bi skop ta' benefiċċju pubbliku stabbiliti fl-Istat Membru fejn id-donatur huwa residenti għal raġunijiet fiskali.
2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-FE li tirċievi d-donazzjoni għandha titqies bħala ekwivalenti għal entitajiet bi skopijiet ta' benefiċċju pubbliku stabbiliti skont il-liġi tal-Istat Membru fejn id-donatur huwa residenti għal raġunijiet fiskali.

Artikolu 51

It-trattament fiskali ta' benefiċjarji tal-FE

Benfiċjarji tal-FE għandhom jiġu ttrattati, fir-rigward tal-għotjiet jew ta' benefiċċji oħra riċevuti, daqslikieku dawn ingħataw minn entità bi skop ta' benefiċċju pubbliku stabbilita fl-Istat Membru li l-benefiċjarju huwa residenti fih għal raġunijiet fiskali.

Kapitolu IX

Dispożizzjonijiet finali

Artikolu 52

Applikazzjoni effettiva

L-Istati Membri għandhom jagħmlu dispożizzjoni bħal din kif inhu xieraq sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament sa mhux aktar minn sentejn wara li dan jidħol fis-seħħ.

Artikolu 53

Penalitajiet

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali speċifikati jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-

Kummissjoni sa mhux aktar tard minn [*sentejn wara d-dħul fis-seħħ*] u għandhom jinnotifikawha mingħajr dewmien żejjed bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwawhom.

Artikolu 54

Reviżjoni tar-Regolament

Seba' snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tgħaddi rapport dwar l-applikazzjoni tar-Regolament u l-proposti għal emendi, fejn dawn ikunu applikabbli, lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

Artikolu 55

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn [*sentejn (2) wara d-dħul fis-seħħ*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, 8.2.2012

*Għall-Kunsill
Il-President*